# L-istatwa ta' San Publju fil-Katidral tal-Imdina

■ Mons. Ġwann Azzopardi

Meta wieħed jidħol mill-bieb prinċipali tal-Katidral tal-Imdina, min-naħa tal-lemin tal-bieb minn ġewwa, wieħed isib statwa mdaqqsa magħmula minn irħam abjad ta' Carrara li turi ġo niċċa lil San Publju Isqof bil-qiegħda fuq il-katedra (is-sede tiegħu bħala isqof), ibierek u donnu jwassal messaġġ lill-poplu li tiegħu huwa l-isqof.

Għalkemm din l-istatwa wisq sabiħa tissemma f'diversi kotba stampati, ftit li xejn jingħataw dettalji fuqha. Hemm tagħrif aktar dettaljat f'teżi mhux ippublikata ta' Christian Attard bit-titlu '*An Italian Artistic Presence in 19th and 20th Century Malta*' , li biha kiseb Maġisteru fl-Arti fl-Università ta' Malta fis-sena 1999. Se nislet informazzjoni mill-kitba ta' Christian Attard u magħha nżid tagħrif ġdid li qatt ma ġie ppublikat.

Din l-istatwa ġiet ikkummissjonata lill–iskultur Palermitan Giuseppe Valenti mill-Kanonku tal-Katidral Enrico Caruana fis-sena 1884. Fil-31 ta' Lulju ta' dik is-sena, Caruana talab lill-Kapitlu l-permess biex jikkummissjona din l-istatwa u jpoġġiha ġo niċċa mad-daħla tal-bieb prinċipali tal-Knisja[1]. L-approvazzjoni ġiet milqugħa u wara tlettax-il xahar, l-istatwa waslet Malta f'Settembru tas-sena 1885.

## *Min kien il-Kan. Caruana?*

Enrico Caruana Gatto twieled fid-29 ta' Ġunju 1842 u tgħammed mill-Isqof ta' Malta Francesco Saverio Caruana li kien il-pro ziju tiegħu. Il-familja Caruana Gatto kienet familja nobiljari. Studja għas-saċerdozju u kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija fl-1865, is-sena li fiha ġie ordnat saċerdot. Għallem it-teoloġija fis-snin 1886-1900, u eżaminatur tal-Kleru. Kien direttur tas-Sorijiet tal-Karità u tas-Sorijiet Orsolini, eżaminatur tal-kleru u ċensur tal-kotba reliġjużi, president tal-Kumitat għall-Għajnuna tal-Morda fi żmien il-kolera tal-1863. Laħaq Arċidjaknu tal-Katidral iżda fl-aħħar, irrinunzja minħabba saħtu. Il-Papa Leone XIII ħatru Protonotarju Apostoliku. Miet fit-tnejn ta' Lulju 1901 qabel ma laħaq għalaq is-sittin sena.

Midfun fil-Katidral fejn għandu lapida sabiħa. L-eloġju funebri tiegħu sar u ġie ppublikat mis-saċerdot Dr Luigi Farrugia. Fl-Università l-qadima ta' Malta hemm ritratt impitter tal-Kanonku Caruana, li darba, ma' dawk ta' professuri oħra, kien fl-*Aula Magna* tal-istess Università.

1 Arkivju tal-Katidral, Minute Capitolari, vol. 40, p. 159rv



Għandu diversi kitbiet bħall: *Manuale del giovane ecclesiastico* (1871); *Dell'ozio* (1877); *Il SSmo Viatico* (1877) u *La Comunione Frequente* (1882), Ħafna kitbiet tiegħu ġew miġbura flimkien fl-*Eco Di Nazaret*.

Il-Kanonku Enrico Caruana rregala lill-Kapitlu żewġ monumenti, l-istatwa ta' San Publju li tqiegħdet fin-niċċa vojta li kienet ħdejn il-bieb prinċipali tal-Katidral fil-lemin tiegħu meta tidħol, kif ukoll il-monument grandjuż tal-pro ziju tiegħu l-Isqof Francesco Saverio Caruana (isqof 1831-1847), opra tal-istess skultur Giuseppe Valenti.

## *L-istatwa ta' San Publju Isqof ta' Malta*

Fil-jum tal-31 ta' Lulju 1884, il-Kanonku Enrico Caruana kiteb lil sħabu din l-ittra li mit-Taljan se naqlibha għall-Malti:

*Bħala sinjal tal-istima u r-rispett, il-Knisja Katidrali taf lejn il-Kapitlu Reverendissimu li tiegħu għandi l-unur li nappartjeni u tal-imħabba lejn il-Knisja*

*Katidrali tagħna, nixtieq noffri b'rigal lill-istess knisja statwa fl-irħam li tirrappreżenta lill-ewwel isqof tagħna San Publju biex titpoġġa fin-niċċa vojta li hemm ħdejn il-bieb prinċipali. Jien diġà qed nittratta mal-iskultur il-Professur G. Valenti ta' Palermo u kkummissjonajtu biex jirrappreżenta lill-qaddis bilqiegħda dil-Katedra fl-att li qed jirrikmanda liċ-ċittadini tiegħu li jżommu l-Fidi li rċevew permezz tal-Appostlu. L-Eċċellenza tiegħu Mons. Arċisqof diġà approva l-proġett tiegħi. Iżda qabel ma nikkonkludi b'mod definittiv il-prattiki tiegħi mal-artist, inħossni fid-dmir li b'din l-ittra nistaqsi lilkom Illustrissmi u Reverendissmi, Ii nippreżenta lill-knisja dan ir-rigal żgħir, u jekk tapprovawx il-ħsieb kif xtaqtu li jiġi espress f'din l-istatwa. Waqt li nistenna li taċċettaw beninjament (din it-talba) għandi l-unur li nkun il-qaddej l-aktar umli u l-kollega tas-sinjuri Illustrissmi u Reverendissmi Dinjitarji u Kanonċi tal-Knisja Katidrali.*

*Valletta, 31 ta' Lulju 1884.*
*Kanonku Enrico Caruana.*

Meta nqrat din l-ittra, m'hemmx għalfejn ngħidu li l-Kapitlu unanimament approva dan il-proġett u rringrazzja lid-donatur. Din l-ittra tinsab irreġistrata fil-volum tal-Minuti Kapitolari tal-Katidral li jġib in-numru 40 u li jkopri s-snin 1883-1884, fil-folio 159, jiġifieri f'paġna waħda miktuba minn quddiem u minn wara.

Fost il-kitbiet tiegħu insibu:

## *L-għażla tas-suġġett: San Publju*

Daqs 11-il sena qabel it-terremot tal-1693 li wassal biex il-katidral jitkabbar u jinbena mill-ġdid fl-istil barokk, il-Kapitlu tal-Katidral kien diġà qabbad lil Lorenzo Gafà jagħmel pjanta u mudell ta' knisja ġdida u almenu jlesti l-kor. Malli dan tlesta l-Arċidjaknu Testaferrata ordna mingħand Mattia Preti 7 kwadri li 3 minnhom kienu juru lil San Publju u li għadhom jeżistu. Dawn huma San Pawl ifejjaq lil missier Publju, San Pawl jgħammed lil Publju u San Pawl jikkonsagra lil Publju. Aktar tard, meta tlesta l-katidral il-ġdid , il-kappellun li jmiss mal-Palazz tal-Isqof ġie ddedikat lil San Publju u mill-bottega ta' Mattia Preti (li issa kien miet) inħadem il-kwadru titulari kbir ta' dan il-kappellun.

Il-Kanonku Caruana pro neputi tal-Isqof Francesco Caruana, għażel bħala suġġett lill-Ewwel Isqof ta' Malta, San Publju, u kkummissjona din l-istatwa lill-artist Palermitan Giuseppe Valenti, magħruf fi Sqallija iżda li kien għad ma kellu ebda xogħol f'Malta.



L-istatwa ta' Valenti tant ingħoġbot li ġiebet lill-artist almenu seba' monumenti oħra f'Malta barra ħafna xogħol fl-irħam li għamel snin wara meta għal xi żmien ġie jgħix Malta.

Erba' opri ta' Valenti jinsabu fil-katidral stess: l-istatwa ta' San Publju (1885) u l-monument tal-Arċisqof Francesco Saverio Caruana (1888), it-tnejn imħalsa mill-Kanonku Caruana; L-evanġelisti San Luqa u San Ġwann fuq il-presbiterju, imħallsin mill-Knisja bi prezz ta' 550 liri Maltin; u fl-aħħar il-Monument tal-Kardinal Sciberras, imħallas mill-Konti Nicola Sciberras Bologna, neputi tal-Kardinal, bi prezz ta' 300 lira Maltija.

Żewġ opri oħra ta' Valenti huma l-istatwa tar-Reġina Vittoria fil-pjazza ta' quddiem il-Biblijoteka, fil-Belt u l-bust fil-bronż tal-Papa Piju V li kien ħareġ somma flus għall-bini tal-Belt Valletta.

Fis-sena 2014 jien ippublikajt monument ieħor ta' Giuseppe Valenti, li ma kienx magħruf, bust fl-irħam fuq pedestal li juri lill-Mons. Salvatore Manduca (1813-1885), li kien ħabib personali tal-iskultur meta kien jaħdem fl-Imdina, u li tqiegħed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, ir-Rabat fi żmien qasir wara mewtu.

Nagħti issa l-erba' skrizzjonjiet li hemm fl-istatwa ta' San Publju kif ukoll il-qisien tagħha. Tlieta minnhom huma mnaqqxa fil-bażi tal-Istatwa, waqt




li oħra qasira hi minquxa fil-ktieb miżmum mill-qaddis, f'idu x-xellugija.

Taħt il-faċċata tal-istatwa:

PUBLIUS HIEROMARTYR
PRINCEPS INSULAE
EX CATHEDRA PONTIFICALI
AD QUAM PAULUS APOSTOLUS EVIXIT
CIVES SUOS MELITENSES
UT FIDEM AB IPSO GENTIUM DOCTORE
TRADITAM
PERENNITER SERVENT INTEMERATAM
PATERNA ADMONET CARITATE

(Publiju l-qaddis martri ħakem tal-Gżira mill-Katedra ta' Isqof li ħatru fiha l-Appostlu Pawlu b'imħabba ta' missier, qed iwissi lill-Maltin ta' pajjiżu biex il-fidi li wasslilhom l-Appostlu tal-Ġnus innifsu, iħarsuha bla mittiefsa u għal dejjem)

Mal-ġenb tax-xellug:

IN LOCIS AUTEM ILLIS ERANT PRAEDIA
PRINCIPIS INSULAE NOMINE PUBLII QUI
NOS SUSCIPIENS TRIDUO BENIGNE
EXHIBUIT
ACT APOST, C.XXCIII V.7

(F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-ħakem tal-Gżira jismu Publju li laqagħna għandu għal tlett ijiem u wera tjieba magħna. Atti tal-Appostli kap. 28 vers 7)

Mal-ġenb tal-lemin:

JOSEPH VALENTIUS
DELINEAVIT ET EXCULPSIT
PANORMI A.D.MDCCCLXXXV
(Giuseppe Valenti iddisinja u skolpixxa (din l-istatwa) f'Palermo fis-sena 1885)

Fil-ktieb li S. Publiju għandu f'idu x-xellugija:

S. LVCAS
(San Luqa)

Dawn huma l-qisien tal-Istatwa:

Statwa: għoli 150 cm, wisa' 60 cm.

pedestall: għoli 45 cm, wisa' 70 cm, fond 107 cm.

Bażi: għoli 90cm, wisa' 100cm, fond 127cm.

Fil-5 ta' Settembru tas-sena 1885 qabel ma ġiet inawgurata l-istatwa, deher artiklu qasir fir-rivista *Eco di Nazaret* fejn tħabbar li dalwaqt tiġi inawgurata din l-istatwa li hi ta' preġju artistiku kbir għalkemm l-artist għadu żagħżugħ. L-artiklu jżid li d-donatur xtaq jibqa' anonimu. L-istess artiklu ġie ripetut fis-16 ta' Settembru fir-rivista *L'Ordine*. Iżda għalkemm l-isem tad--donatur ma jissemma mkien fl-istatwa, id-donatur donnu biddel il-ħsieb għax ħalla nota b'ismu fil-ġenb tal-monument tal-Isqof Caruana.

Din tgħid:

QUI STATUAM MARMOREAM
PUBLIO HIEROMARTYRI
PRIMO MELITENSIUM ANTISTITI
RELIGIONIS PIETATISQUE STUDIO
HEIC POSUIT
SUCCESSORI EIUS DIGNISSIMO
PATRUO SUO MAGNO
GRATI ET OBSEQUENTIS ANIMI CAUSA
MONUMENTUM HOC FECIT
HENRICUS CARUANA
HUIUS TEMPLI PRINCIPIS CANONICUS

(Enrico Caruana Kanonku ta' dan it-tempju ewlieni li għamel l-istatwa tal-irħam lil Publju l-Qaddis Martri u l-Ewwel Isqof ta' Malta, b'ġest ta' qima u tjieba għamel dan il-monument lis-suċċessur tiegħu l-aktar dehen, li jiġi l-pro ziju tiegħu, bi gratitudni u qima)

Ħajr: Lil Christian Attard li għaddieli fotokopja ta' parti mit-teżi tiegħu, u Mario Gauci li ħadli l-qisien tal-istatwa u xi ritratti.